**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Frar, 2018**

**Talba Nru: 419/2017 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**David Johan Malmsten**
**(Nru. Tal-Passaport Svediz 85215444)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel (1) ta' Settembru, 2017 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' tlett elef, u erbgha u erbghin euro u disa' centezmi (€3044.09) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq l-akkonti separati li jgibu n-numri AC40511814 u AC40512535 liema somma l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja li gie debitament interpellat, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezenti rikors sad-data tal-hlas effettiv.

Illi l-konvenuti gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-8 ta' Frar, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluz l-affidavit ta' Charmaine Psaila Raji u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2018 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra salv illi, in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' tlett elef, erbgha u erbghin euro u disa' centezmi (€3044.09) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkonti separati li jgibu n-numri AC40511814 u AC40512535, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-konvenut kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**